# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 43 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar t-Tlieta 19 ta' Novembru 2013 fil- 5.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech (ħareg mis-sala fis-6.30pm) |
| | Alfred Muscat (ħareg mis-sala fis-6.30pm) |
| | Vincent A. Galea |
| **Ambaxxtrici Zgħazugħa** | Michelle Camilleri (daħlet fis-sala 5.17pm) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**43/01 Talba**

43/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-5.02 billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillieri s-Sur Christopher Fenech u s-Sur Alfred Muscat talbu biex jiġu skużati mill-laqgħa fis-6.30 pm minħabba impenn ieħor. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa s-Sinj Michelle Camilleri kellha tasal ftit tard minħabba impenn. Kien ħemm qbil unanimu li jiġu skuzati.

**43/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 42.**

43/02/01 ***Emenda : 42/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 42*** – il-minuti 42/05/20 sa 42/05/26 isiru minuti 42/03/20 sa 42/03/26 rispettivament.

43/02/02 ***Emenda : 42/07 Materja oħra u Mistoqsijiet*** – biex minuta '42/05/07' issir minuta '42/07/07'.

43/02/03 ***Emenda : 41/08 Aggornament*** – biex minuta 41/08 u 41/08/01 issiru minuta 42/08 u 42/08/01 rispettivament.

43/02/04 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 42/06 u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti.

**43/03 Punti mtella'mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 42**

43/03/01 **Para 42/03/01: *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter*:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit għadu qed jaħdem fuq din is-sejħa għall-offerti tal-*lifter*. Is-SE għandha toħrog is-sejħa kemm jista' jkun malajr. Is-SE infurmat li aġġornament fuq dan ix-xogħol lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL) għad irid jintbagħat.

43/03/02 **Para 42/03/02: It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Artijiet bgħat ittra bid-data 5 ta' Novembru 2013 fejn approva l-fteħim tal-kera u għalhekk issa l-Kunsill jista jipproċedi sabiex jiffirma l-ftehim. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw dan il-ftehim. Ġie innotat li l-Gvern irid jingħata kull sena

25% mill-kera l-ġdida. Dan apparti l-kera li qed titħallas bħalissa. Sadanittant il-Kunsill approva ukoll li s-S.E. tipprovdi ittra kif talab is-Sur Stigter dwar it-Torri tas-Semaforu.

43/03/03 **Para 42/03/03:- Ġnien il-Paċi** – Is-S.E. infurmat li l-Kuntrattur intalab sabiex jikkonferma li l-*brackets* tal-katini tal-bandli huma imwaħħla sew kif ukoll jirranġa ftit it-tapit tas-*safety* fejn l-*activity area*. Ġiet ippreżentata l-istima tal-*harness* li jiswa madwar €195. Il-Kunsill unanimament qabel li għalissa ma jsirx dan il-*harness*. Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li t-tabelli li juri l-eta' tat-tfal li jistgħu jużaw l-bandli l-ġodda ġew ordnati u ser jeħlu dalwaqt. Dan kollu ġie approvat filwaqt li s-SE intalbet sabiex tiġbor il-kont mingħand il-kuntrattur, tara li dan jiġi iccertifikat mill-Perit u tibgħat id-dokumentazzjoni kollha lil UIF ħalli jkun jista' jsir il-pagament.

43/03/04 **Para 42/03/04:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-residenta li għamlet it-talba għal dan il-fanal ġiet mgħarrfa bl-ammont tal-ħlas li jrid isir. Hi ser tagħti risposta lill-Kunsill dwar dan.

43/03/05 **Para 42/03/05: Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kitbet lill-Perit Grech dwar l-applikazzjoni l-ġdida lill-MEPA. Is-S.E. infurmat li l-*Works Order* lill-ELC dwar il-*landscaping* għadha ma saritx.

43/03/06 L-Ammbaxxatrici s-Sinj Miċhelle Camilleri daħlet fis-sala fil-5.17 pm.

43/03/07 **Para 42/03/06:- *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE infurmat li għandha tibgħat l-irċevuti fiskali tal-pagamenti li saru bil-*claim* lid-DLG ħalli l-Kunsill jingħata lura l-fondi mill-iskema.

43/03/08 **Para 42/03/07**:- **Triq San Gwann**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kitbet lit-TM sabiex isiru sinjali ġodda ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma *Bypass*). Is-SE infurmata li għad trid tikteb lit-TM dwar il-periklu ta' Triq San Ġwann specjalment fil-bendjatura.

43/03/09 **Para 42/03/08 *Aerobics***: Is-S.E. bgħatet il-ftehim emendat kif iddeċieda l-Kunsill imma kienet għada ma rċevietx risposta mid-Dipartiment tal-Promozzjoni u Saħħa. Is-SE u s-Sindku ġew awtorizzati li jiffirmaw dan il-ftehim.

43/03/10 **Para 42/03/09:- *Lift* tal-Uffiċċju tal-Kunsill**: Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li t-technician tal-GO qed jinsisti li trid issir applikazzjoni għal linja tat-telefon ġdida sabiex tkun tista' tintuża fil-*lift*. L-istima tal-Go hija €135 tal-linja u €15 spejjes fix-xahar. Il-Kunsill innota li l-*lift* jintuża biss meta l-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku u għalhekk l-istaff ikunu preżenti fl-uffiċċju. Ġie għalhekk deċiż li għalissa ma jsir xejn aktar.

43/03/11 **Para 42/03/13**: **Stimi għall-armar ta' dawl dekorattiv**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għall-istimi tad-dawl dekorattiv fix-xahar tal-Milied għalqet fid-19 ta' Novembru 2013 f'nofsinhar u l-kwotazzjonijiet infetħu fil-preżenza tas-SE, tal-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u tal-Kunsillier Alfred Muscat. Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet: mis-Sur Chris Gauci għall-ammont ta' €1,200 u mingħand is-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew (s-Sur Mario Aquilina) għall-ammont ta' €1,250. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jagħzel il-kwotazzjoni tas-Sur Chris Gauci peress li kienet l-orħos, id-disinni tiegħu huma sbieħ u fil-passat dejjem ta servizz tajjeb. Is-SE intalbet tinforma lill-

applikanti b'din id-deċizjoni kif ukoll toħroġ il-*works order* lis-Sur Gauci. Il-Kunsill approva ukoll unanimament li issir applikazzjoni u l-ħlas relatat lill-Enemalta sabiex jinġieb id-dawl provisorju.

43/03/12 **Para 42/03/15 : Il-Milied fil-Pjazza**: Il-Kunsillier Fenech ta iżjed dettalji dwar l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza fejn ser jkun hemm fost l-oħrajn stands b'oġġetti relatati mal-Milied, dekorazzjonijiet tal-Milied, attivitajiet għat-tfal, wirjiet ta' karrozzi antiki u Amerikani u se tieħu sehem l-banda. Il-Kunsill approva unanimament dan kollhu kif ukoll l-istimi li ġew ipprezentati fosthom dik ta' *Transient Ltd* għal sistema ta' PA. Il-Viċi Sindku ta dettalji dwar l-attivita' tal-Għar. Hu qal li din is-sena ser jieħdu sehem l-iscouts tal-Mosta. Il-Kunsill approva unanimament din l-attivita' kif ukoll l-istima tal-iscouts. Il-Kunsill qabel ukoll li jordna s-servizz tal-gwardjani lokali għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Alfred Muscat ta dettalji dwar l-attivita' għall-anzjani. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita' kif ukoll l-istimi li tressqu relatati ma din l-attivita'.

43/03/13 **Para 42/03/18: Fuljett:-** Il-Kunsill approva l-aħħar kopja *draft* tal-fuljett. Ġie unanimament deċiż li jiġu ordnati 1,000 kopja sabiex jitqassmu fid-djar.

43/03/14 **Para 42/03/21: Miżura 125 mill-*Majjistral Action Group*** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tagħlaq nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru f'nofsinhar u li trid teħodha *by hand* sa dak il-ħin. Hija qegħda taħdem fuq l-applikazzjoni u tiġbor kopji tal-Karti tal-Identita' tal-bdiewa li għandhom għalqa f'Sqaq il-Maħruq u wkoll qed titlobhom jiffirmaw dikjarazzjoni. Kif ikollha d-dokumentazzjoni kollha meħtiega hija se tissottometti l-applikazzjoni.

43/03/15 **Para 42/03/25: Tħawwil ta' siġar -** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' tat-tħawwil siġar fis-*Searchlight Battery* organizzata flimkien mal-HSBC Bank Malta plc ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2013 fin-12.30. Għal din l-attivita' ser jattendi ukoll l-Onor Dr Jose Herrera, id-Direttur tal-DGL u t-tfal tal-Year 6 tal-Kulleġġ Maria Reġina. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'.

43/03/16 **Para 42/03/26: Xogħol Pendenti -** Is-SE infurmat li għadu għaddej ix-xogħol fuq is-sejħiet għal-offerti li hemm pendenti, fuq il-kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema l-ġodda tal-Kunsill u fuq is-sejħiet għal-kwotazzjonijiet.

43/03/17 **Para 42/05/07 - Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li ħija bgħatet 2 *default notices* lill-kuntrattur. Peress li l-kuntrattur irċieva 2 f'ġimgħa, huwa se jinqatalu 5% mill-kont li jmiss.

43/03/18 **Para 42/06/04 - Laqgħa mal-Presidenti tal-AKL** – Is-SE nfurmat lill-Kunsill li l-appuntament ma Dr Sant huwa għas-16 ta' Diċembru fis-6.00 pm fl-uffiċċju tal-Marsa. Il-Kunsill talabha biex tikkonferma dan l-appuntament.

43/03/19 **Para 42/06/19 - Konferenza Stampa mal-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar din il-konferenza u li s-Sinj Michelle Camilleri iffirmat id-dokument tal-aċċettazjoni. Kopja ta' dan id-dokument ġiet ipprezentata lill-Kunsill.

43/03/20 **Para 42/06/21 - Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija** : Waqt il-laqgħa inqrat l-ittra li ntbagħtet bħala risposta bl-informazzjoni mitluba. Is-Sindku spjega

li l-informazzjoni inklua fl-ittra ġiet mgħoddija lill-Kunsill mill-Kunsillier Vincent A. Galea. Kopja tal-ittra kienet intbagħtet ukoll lill-*Monitoring Unit* tad-DGL. Il-Kunsill unanimament approva din ir-risposta kif ukoll talab lis-SE sabiex issegwi l-informazzjoni mitluba fl-istess ittra.

43/03/21 **Para 42/07/01 - *Leave planner* tal-ħaddiema tal-Kunsill**: Is-Sindku informa lill-Kunsill li kemm is-SE kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill kienu allokaw il-*leave* tagħhom li se jieħdu sa l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill irrakkomanda li apparti fejn inkisbet l-approvazzjoni tad-DLG, il-*leave* jittieħed sal-aħħar tas-sena.

43/03/22 **Para 42/07/02 - Formola tal-*BOV 24-7 Services***: Is-SE infurmat li għadha trid tibgħat l-formola lill-Bank.

43/03/23 **Para 42/07/05 - Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** - Is-SE infurmat li għad trid tirranga appuntament ġdid ma *Green MT* .

43/03/24 **Para 42/07/06 - L-Ikla tal-Milied**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill lil-ikla tal-Milied ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Dicembru 2013 fit-8.00pm fil-lukanda Radisson Blu Għajn Tuffieħa.

43/03/25 **Para 42/07/08** - Is-SE infurmat li għadha ma rċevietx risposta mid-DGL dwar it-tul tal-Laqgħa tal-Kunsill.

**43/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

43/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Il-Kunsill talab lis-SE tikkonferma li l-Enemalta kienu bgħatu l-mappa tal-bozzoz lill-Kunsill qabel ma tħallas il-kont pendenti. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**43/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

43/05/01 **Suġġeriment - 18113062202133** Talba biex titressaq *traffic hump* li hemm fi Triq Naxxar u titqiegħed ħdejn ir-razzett Kampanella. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba. Jidħer li ma hemmx il-kunsens tas-sid ir-residenza kif ukoll din it-triq issa saret *one-way* u t-traffiku li jgħaddi minnha naqas ħafna.

43/05/02 **Ilment 18113049202137** - Talba sabiex bankina fi Vjal ir-Repubblika ma terġax tinbena kif kienet bil-madum imma ssir bil-konkos. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba. Is-sid li bena kien jaf li meta ilesti x-xogħol irid jerġa jibni l-bankina kif kienet. Dan għandu jiġi infurmat sabiex jibni l-bankina bil-madum u jekk ma jagħmilx hekk għandu isir rapport lill-MEPA kif ukoll jinzamm id-depositu li seta kien inġabar oriġinarjament.

43/05/03 Talba sabiex isir *parking bay* bl-isfar quddiem garaxx fi Triq Indipendenza. Il-Kunsill unanimament laqa' din it-talba.

43/05/04 Talba sabiex art privata li issa ser tiġi inkorporata fi Triq Indipendenza tinbena u tinkesa

bit-tarmak. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol hu responsabbilta' ta' Transport Malta u għalhekk unanimament iddeċieda li jgħaddi din it-talba lil TM.

43/05/05 Talba sabiex jitranġaw ħofor fi Triq Fra D Mifsud. Il-Kunsill unanimament irratifika x-xiri ta boroz IRR sabiex seta isir dan ix-xogħol.

43/05/06 Il-Kunsillier Fenech talab sabiex quddien il-każin tal-PN is-sinjali tal-*parking* isiru *slanting*. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba peress li jekk isiru hekk jintilef spazju ta' *parking*.

**43/06 Sospenzjoni tal-Aġenda**

43/06/01 Is-Sindku talab għas-sospenzjoni tal-Aġenda sabiex il-Kunsill jiddiskutu Materja Oħra u Mistoqsijiet peress li l-Kunsillieri Fenech u Muscat kellhom jiġu skużati għax kellhom impenn ieħor. Il-Kunsill unanimament qabel mas-sospenzjoni tal-Aġenda.

**43/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

43/07/01 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-Għaqda tan-Nar kienu ser joħorġu kalendarju għas-sena 2014 u li fih ser jikkontribwixxu l-għaqdiet tar-raħal . Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa ukoll kif ukoll approva l-ħlas ta' parteċipazzjoni ta' €50.

43/07/02 Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li ħafna mill-kotba li kienu intbagħtu għar-reġistrazzjoni l-Librerija Nazzjonali issa waslu lura. Il-Kunsillier Muscat issuġġerixxa li l-Kunsill jistieden lill-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Evarist Bartolo sabiex jattendi għall-attivita' ta' meta l-kotba jiġu ipprezentati lill-librerija pubblika. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment u ġie deċiż ukoll li l-attivita' tinżamm meta ikunu waslu l-kotba kollha.

43/07/03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li *Savio College* talbu permess biex jużaw l-Għar ta' San Brincat. Dan il-permess kien ħareġ skont it-termini tal-Bye Law.

43/07/04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-qasab li kienu jintużaw sabiex jitnaddfu il-*culverts* tat-toroq ma nstabux. Il-ħaddiema li jaħdmu mal-Kunsill qalu li huma ma jafux fejnhom. Il-Kunsill unanimament qabel li fiċ-ċirkustanzi dawn jiġu *written off* mill-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li meta jinxtara sett ġdid dan jinżamm taħt is-sorveljanza tas-SE.

43/07/05 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-Għaqda tal-Banda talbu sabiex jużaw il-mannekini biex ikunu jistgħu jagħmlu wirja ta' presepju *life size*. Il-Kunsill unanimament aċċettaw din it-talba.

43/07/06 Il-Kunsill unanimament approva li jinxtara bukkett fjuri u jintbagħat lis-Sur Giljan Bezzina li bħalissa jinsab rikoverat l-isptar. Is-Sur Bezzina hu l-awtur ta' ktieb li ħareġ il-Kunsill kif ukoll kien ingħata l-Unur Excelsior.

43/07/07 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-*Adventure Group* inkluż il-*party* għat-tfal li ser issir fid-19 ta' Diċembru fil-5.30pm. Peress li dan il-grupp twaqqaf mill-Kunsill, fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss ser ikun hemm avviz sabiex aktar tfal jidħlu f'dan il-

grupp. Jekk ikun hemm interess il-ġenituri tat-tfal jintalbu sabiex jaħtru rapprezentanti fil-kumitat tat-tmexxija

43/07/08 Il-Kunsillieri C. Fenech u A. Muscat talbu biex jiġu skużati mill-laqgħa fis-6.30 pm.

**43/08 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE:

43/08/01 Kwotazzjoni mill-MQUIP dwar il-*Mirage Harness for Special needs*. Din il-materja ġiet diskuss f'minuta 43/03/03.

43/08/02 Cirkulari mill-AKL rigward *Citizens Dialogue with EU Comm. Tonio Borg*. Din iċ-ċirkulari ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/03 Korrispondenza mill- MEPA dwar lista ta' applikazzjonijiet fil-lokalita' u decizzjonijiet tal-Bord. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/04 Korrispondenza mis-Sur Joe Attard tal-Green MT rigward Ġbir ta' skart riciklabbli. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/05 Korrispondenza mill-Aġenzija Zgħazagħ dwar Kunsill Lokali taz-Zgħazagħ u Linji Gwida. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE intalbet tgħaddi kopja lill-Kunsillier C. Fenech.

43/08/06 Cirkulari tal-AKL 77/2013 dwar Supplimenti fit-Times of Malta. Il-Viċi Sindku intalab sabiex jibgħat artiklu bir-ritratti ħalli jiġi inkluz f'dan is-Suppliment

43/08/07 Korrispondenza mill-*Monitoring Unit* tad-DGL dwar Ġita għal Sqallija Case No 626/13. Din ġiet innotata. Il-Kunsill diġa bgħatt risposta dwar dan il-każ.

43/08/08 Korrispondenza mingħand Dr John Galea mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar is-Semaphore Tower. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/09 Korrispondenza mill-Island Hotels dwar *l-istaff Party* tal-Milied fil-*Flavours Restaurant*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/10 Korrispondenza mit-TM - *Circular to Contractors 1/13-Road works during the Christmas period*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

43/08/11 Korrispondenza mill-MFSS dwar Stedina għat-tnehdija tal-politika nazzjonali strateġika għall-anzjanita` attiva. Il-Kunsilleri Vincent A. Galea ser jattendi.

43/08/12 Stedina mid-Deputat David Agius dwar Konferenza Nazzjonali -20 sena Kunsilli Lokali-nħar is-Sibt 23 ta' Novembru 2013. Din ġiet innotata.

43/08/13 Korrispondenza dwar Konferenza tal-ANSEK fis-27 ta' Novembru 2013. Din ġiet innotata.

43/08/14 Korrispondenza lis-Spettur tal-Pulizija Josric Mifsud dwar l-Abbuz ta' vetturi fi Triq San Bartilmew Ħal Għargħur waqt il-ħin tal-iskola. Din ġiet innotata.

43/08/15 Korrispondenza mill-*Majjistral Action Group* dwar kompetizzjoni għat-tfal. Is-SE infurmat lill-Kunsill li kopji ta' din il-korrispondenza intbgħatu lill-Għaqdiet tal-lokalita' u lill-Kapillan u tpoġġew fuq in-*notice boards* tal-Kunsill.

43/08/16 Korrispondenza mill-MSDEC dwar Zvilupp Sostenibbli. Din ġiet innotata.

43/08/17 Korrispondenza dwar il-Laqgħa mal-President Dr Marc Sant mal-Kunsill ta' Ħal Għargħur. Din giet innotata.

43/08/18 Korrispondenza dwar Seminar għall-Kunsilli Lokali dwar l-abbozz tal-pjan għall-immanigjar tal-iskart 2013-2020. Is-SE u l-Kunsillier Fenech ser jattendu għal dan is-Seminar.

43/08/19 Korrispondenza tal- French Boy's Choir ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma jilqax din il-proposta.

43/08/20 Korrispondenza mil-*Malta Resources Authority* dwar il-prezz tad-diesel. Din ġiet innotata. Is-SE għandha tara li dawn il-figuri jaqblu ma dawk li tagħna il-Kuntrattur tal-ġbir ta' l-Iskart domestiku kif ukoll li l-*workings* tal-kuntrattur huma skont il-formola li hemm fil-kuntratt u tirreferi mal-Kunsill.

**43/09 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* – Settembru 2013**

43/09/01 Il-Kunsill unanimament approva dan id-dokument.

**43/10 Aġġornament**

43/10/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.48 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar t-Tlieta 3 ta' Dicembru 2013 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **3 ta' Diċembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |